MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 716/2002

**Avviz numru 716/02DM**

**Margaret Abdilla u Rose Balzan**

**Vs**

**Anthony Young**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat jizgombra fi zmien qasir u perentorju li tipprefiggi l-Qorti mill-fond 31/32, Parish Street, Qrendi li hu qed jokkupa minghajr titolu validu fil-ligi u jikkonsenjalhom ic-cwievet tal-istess post battal.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Settembru, 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ukoll biex jidher ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta’ kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizzju tal-fond imsemmija ma jeccedix ghoxrin lira fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccipixxa illi:

1. In linea preliminari, l-atturi ghandhom jipprovaw t-titolu taghhom fuq il-fond 31/32, Parish Street, Qrendi;

2. Dwar il-meritu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari hawn fuq sollevata, l-esponent qieghed jokkupa dan il-fond b’titolu validu ta’ kera, peress li l-esponent jikkwalifika bhala membru tal-familja tal-inkwilina originali Giuseppa Aquilina, billi kien joqghod fid-dar tal-abitazzjoni in kwistjoni mal-imsemmija Giuseppa Aquilina sa minn qabel il-mewt taghha u ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponent ghandu jitqies bhala kerrej skond it-tifsira moghtija fil-Kap. 69 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet ;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi bl-eccezzjoni tieghu fil-mertu, l-konvenut qieghed jallega li ghandu titolu validu ta’ lokazzjoni ghall-fond in kwistjoni billi jsostni illi huwa jaqa’ fid-definizzjoni ta “kerrej” kif moghtija fl-Artiklu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta Malta, fejn jinghad illi l-kelma “kerrej” tfisser ukoll, fil-kaz ta’ dar ta’ abitazzjoni meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu.

Ghaldaqstant dak li jrid jipprova l-konvenut huwa, illi fiz-zmien tal-mewt ta' l-ahhar inkwilina tal-fond, ossija fiz-zmien tal-mewt tan-nanna tieghu Guza Aquilina li avverat fl-20 ta' Mejju, 2002, huwa kien diga' qed jirrisjedi u jabita' f'dak il-fond kif kien ilu jaghmel minn zmien qabel, u biex jasal ghal din il-prova, kif gie ritenut kostantement mil-Qrati taghna, huwa jrid jipprova illi d-dar in kwistjoni kienet residenza ordinarja tieghu fejn izomm hwejjgu, l-affarijiet personali tieghu, fejn jorqod u jqum, jiekol, jghaddi z-zmien liberu tieghu, fejn jircevi l-korrispondenza, u fejn jiltaqa' ma' shabu, u fejn min irid isibu ghandu jirrikorri.

Fid-deposozzjoni tieghu huwa jsostni illi kien mar jabita' man-nanna tieghu minn xi sentejn (2) qabel ma mietet u ghalhekk mis-sena  elfejn (2000).

Isostni ukoll illi ghalkemm huwa ghadu jaghmel visiti kostanti fil-fond tal-genituri tieghu fejn kien jabita' precedentement huwa jzomm hwejjghu fil-fond in kwistjoni, izda jzomm ukoll hwejjeg fil-fond ta' Hal Luqa fejn imur ta' spiss ukoll biex jiekol mal-genituri tieghu.

Din l-allegazzjoni pero' hija kkontestata mill-atturi kif ukoll mix-xhieda minnhom prodotti u ghalhekk il-Qorti trid tezamina l-provi kollha prodotti biex tara jezistux indizji li jsahhu verzjoni wahda jew l-ohra.

Minn dawn il-provi ghalkemm jirrizulta illi fil-maggor parti ta' l-iljieli l-konvenut kien jorqod fil-fond in kwistjoni, ma jirrizultax illi effettivament huwa kien stabbillixxa r-residenza tieghu fil-fond in kwistjoni flimkien man-nanna tieghu meta din kienet ghada hajja.

Infatti jirrizulta illi persuni ohrajn kienu jiehdu hsieb il-htigijiet ta' l-inkwilina Guza Aquilina, fosthom Maria Young omm il-konvenut u Carmen Buhagiar li tiggestixxi hanut tal-'grocer' fil-vicinanzi.

Din ta' l-ahhar infatti, kellha u ghad ghandha l-pussess tac-cavetta tal-fond fejn kienet tidhol biex tiehu hsieb tal-bzonnijiet ta' l-inkwilina u ghalkemm isssostni illi l-konvenut kien jorqod fil-fond in kwistjoni hija tat

indikazzjoni illi l-konvenut qatt ma kien stabbillixxa r-residenza tieghu, skond kif hu rikjest mill-ligi, qabel il-mewt tan-nanna tieghu, billi l-istess Buhagiar issostni illi sakemm kienet ghada hajja n-nanna tieghu qatt ma dahhal nies fid-dar u ghalkemm kellu xi hwejjeg, zraben u xugamani fil-fond, dahhal il-hwejjeg kollha tieghu wara l-mewt ta' Aquilina.

Maria Young minn naha taghha ssostni li l-konvenut baqa' jaghmel visti fid-dar taghha ta' spiss, izda ssostni li binha kien jghix fil-fond ***biex jorqod man-nanna***, waqt li hi kienet tiehu hsieb lill-ommha.

Infatti l-istess konvenut jaccetta illi fiz-zmien ta' meta hu jippretendi illi mar jirrisjedi fil-fond, hu ma hax affarijiet personali tieghu gol-fond tan-nanna tieghu, oltre l-hwejjeg u l-affarijiet biex jinhasel.

Hu ta' spjegazzjoni ghaliex ma setghax jiehu mieghu l-oggetti kollha personali tieghu ghax huwa tewmi u hafna mill-affarijiet personali tieghu kienu in komuni ma' huh u allura kellu jhallihom fir-residenza tal-genituri tieghu fejn ghadu jghix huh.

Pero' isostni ukoll illi ghadu jzomm anke parti minn hwejjgu fil-fond tal-genituri tieghu ghaliex isostni li huwa jinhasel skond fejn ikun, daqqa l-Qrendi u daqqa Hal Luqa.

Mill-kumpless ta' dawn il-provi ghalhekk il-Qorti ssib illi l-konvenut ma jissodisfax ir-rekwiziita' dettati mill-gurisprudenza biex seta' jistabbillixxi r-residenza u abitazzjoni fil-fond in kwistjoni u l-rqad frekwneti man-nanna tieghu kienu dettati biss ghal-fini ta kura tan-nanna matul il-lejl.

Ghaldaqstant issib illi ma jikkwalifikax bhala "kerrej" fit-termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha minnu sollevati stante illi, dwar l-ewwel eccezzjoni, huwa stess stqarr li jaf lill-atturi bhala sidien tal-fond in kwistjoni.

Konsegwentement tilqa' it-talba attrici, u, filwaqt li tiddikjara illi l-konvenut qed jokkupa l-fond in kwistjoni 31/32, Parish Street, Qrendi minghajr ebda titolu validu fil-ligi, tikkundannah biex jizgombra mill-istess fond u ghall-fini ta' l-izgumbrament tipprefiggi t-terminu ta' xahar mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------